MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 459/2012

**A B A C D**
**vs**
**E F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur tal-14 ta' Awwissu 2012 li permezz tieghu wara li ppremetta:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Dicembru tas-sena 2005 u minn dan iz-zwieg twieldet tifla bl-isem ta' Jasmine D li twieldet fid-29 ta' Frar tas-sena 2008.

Illi l-partijiet huma legalment separati in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Daniel John Bugeja tal-15 ta' Marzu 2012.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin

mifrudin minn ma' xulxin, ilium ghandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin u r-rikorrenti sahansitra fforma rabta soda u relazzjoni stabbli ma' persuna ohra.

Illi l-esponenti dejjem ottempera ruhu ma' dak li huwa hlas ta' manteniment skont kif stipulat fl-imsemmi kuntratt.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li din il-Qorti:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat it-twegiba tal-konvenuta pprezentata fit-23 ta’ Mejju 2013 li permezz taghha qed topponi t-talbiet attrici peress li skond il-konvenuta l-attur mhux izomm mal-kuntratt ta’ firda ta’ bejn il-partijiet.

Semghat ix-xhieda tal-partijiet fl-udjenza tat-18 ta’ Gunju 2013.

Rat il-verbal tal-istess udjenza fejn tat gimghatejn zmien lill-konvenuta sabiex b’nota guramentata tiddikjara l-kont bankarju li fih l-attur ghandu jibda jeffettwa l-pagamenti tal-manteniment.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tal-4 ta’ Lulju 2013 li permezz tieghu talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ghaliex ma setghatx tiftah kont bankarju. Allegat li dan ma setghatx taghmlu ghax hemm sekwestru kontra taghha ghal dejn li skont hi ghamel l-attur. It-talba ghas-sospensjoni giet michuda b’digriet tad-19 ta’ Awwissu 2013.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

Artikolu 66D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi talba ghal divorzju fejn gia’ hemm sentenza jew kuntratt ta’ separazzjoni tista’ tigi kontestata jekk jirrizulta illi min hu obbligat ihallas manteniment naqas milli jaghmel dan jew inkella peress li bl-ghoti tad-divorzju tkun aktar difficli illi jsir il-hlas tal-manteniment dovut.

Skont ix-xhieda prodotta jirrizulta li l-attur mhux dejjem kien puntwali fil-hlas tal-manteniment dovut ghall-minuri bint il-partijiet. Il-Qorti irrakkomandat biex il-konvenuta tiftah kont bankarju sabiex l-attur jigi ordnat jeffettwa standing order f’tali kont izda l-konvenuta sabet diffikulta’biex dan isir ghaliex xehdet li kellha sekwestru pendenti kontra taghha.

Fil-fehma tal-Qorti ma jezistux l-estremi kontemplati fl-Artikolu 66D fuq citat sabiex it-talba ghad-divorzju ma tigiex akkolta, izda ser tordna lill-attur sabiex jiftah kont bankarju u jottjeni standing order.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta u tilqa’ t-talbiet attrici:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa mhux aktar tard minn xahar millum jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet.

3. Ai termini tal-Artikolu 66I tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-attur jiftah kont bankarju u jottjeni l-hrug ta’ standing order ghall-manteniment dovut lill-konvenuta pagabbli skont il-kuntratt ta’ separazzjoni tal-15 ta’ Marzu 2012 u dan fi zmien ghoxrin jum millum.

L-attur qed jigi ordnat jipprezenta fi zmien xahar millum permezz ta’ nota guramentata kopja legali tal-kont bankarju u standing order u jinnotifika kopja lill-konvenuta.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------